PR202396

**26/11/2020**

# STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MILL-MINISTERU GĦAS-SAĦĦA: Lista ta' pajjiżi identifikati

**Regolamenti tal-2020 dwar Ittestjar Mandatorju ta' Ċerti Vjaġġaturi**

Il-Ministru responsabbli mis-Saħħa Pubblika jgħarraf li, bis-saħħa tal-artikolu 2 (1) tar-Regolamenti tal-2020 dwar Ittestjar Mandatorju ta' Ċerti Vjaġġaturi, qed tiġi riveduta l-lista ta' pajjiżi li tissemma fl-istess regolamenti. Kull vjaġġatur li jiġi minn xi pajjiż elenkat fil-lista riveduta ta' pajjiżi indikata hawn taħt għandu jipprovdi PCR COVID-19 test negattiv magħmul mhux aktar minn tnejn u sebgħin (72) siegħa qabel il-wasla tiegħu f'Malta.

Vjaġġaturi ġejjin f'Malta minn xi wieħed fost dawn il-pajjiżi li jonqsu milli jipproduċu dan it-test, jistgħu jkunu sottomessi għall-ittestjar f'Malta u jistgħu jkunu soġġetti għal kwarantina.

Lista riveduta ta' pajjiżi:

**L-Awstrija**

**Il-Belġju (l-ajruporti kollha)**

**Il-Bulgarija**

**Franza (l-ajruporti kollha)**

**Il-Ġermanja (l-ajruporti kollha)**

**L-Irlanda (l-ajruporti kollha)**

**L-Italja (l-ajruporti kollha minbarra Sqallija u Sardenja)**

**Il-Lussemburgu**

**L-Olanda (l-ajruporti kollha)**

**Il-Polonja (l-ajruporti kollha)**

**Il-Portugall (l-ajruporti kollha)**

**Ir-Renju Unit (l-ajruporti kollha)**

**Ir-Repubblika Ċeka**

**Spanja (l-ajruporti kollha)**

**L-Iżvizerra (l-ajruporti kollha)**

**It-Tuniżija**

**L-Ungerija**

Dan l-avviż dwar il-lista riveduta ta' pajjiżi ser jidħol fis-seħħ il-Ġimgħa 27 ta' Novembru f'nofsillejl.